# Tariffi u Spejjeż Taċ-Ċentru Dwar l-Arbitraġġ Ta' Malta

Ċentru Dwar l-
Arbitraġġ ta' Malta

Dawn it-Tariffi u Spejjeż taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta jinsabu f'Appendiċi A tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (L.S. 387.01):

## Taqsima I – Tariffi u Spejjeż

1.1 TARIFFI TAĊ-ĊENTRU DWAR L-ARBITRAĠĠ TA' MALTA META JIĠI PPREŻENTAT L-AVVIŻ TA L-ARBITRAĠĠ

1.1.1 Arbitraġġ Domestiku/Ordinarju

1.1.1.A It-tariffi tar-reġistru, liema tariffi ma jingħatawx lura, għal talba, kontro-talba jew xi talba addizzjonali, għandhom ikunu ekwivalenti għal 25% tat-tariffi *ad valorem* tar-reġistru tal-Qrati Superjuri ta' Malta kif dawn joħorgu minn avviżi legali maħruga skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'tariffa minima ta' €116.47.

1.1.1.B Meta talba, kontro-talba jew xi talba addizzjonali ma tkunx xi ammont monetarju, u f'każijiet fejn l-ammont ma jkunx imsemmi, ir-rikorrent għandu jiddikjara xi jkun il-valur tat-talba tiegħu. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir mal-preżentata tal-Avviż jew mal-preżentata tal-kontro-talba, jew ta' kull talba addizzjonali, skond il-każ. Ir-Reġistratur jista' jirrevedi l-valur hawn fuq imsemmi.

1.1.1.Ċ Jekk iżjed minn żewġ partijiet ikunu involuti fi proċedimenti ta' arbitraġġ, rata ta' €11.65 tapplika għal kull parti addizzjonali fil-każ ta' Arbitraġġi ta' Talbiet li jikkonċernaw Vetturi bil-Mutur, Arbitraġġi ta' *Condominium*, u Arbitraġġi ta' Soċjetajiet Koperattivi, kemm jekk dawk l-arbitraġġi jkunu bi proċeduri fil-qosor jew jekk ikunu arbitraġġi mandatorji, u fil-każ ta' dawk it-tilwimiet li hemm fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att; u f'kull każ ieħor, rata li tkun ekwivalenti għal 10% tat-tariffi tar-reġistru msemmija fil-paragrafu 1.1.1.A tkun tapplika għal kull parti addizzjonali.

1.1.2 Arbitraġġi bi Proċeduri fil-Qosor

It-tariffi tar-reġistru, liema tariffi ma jingħatawx lura, għandhom ikunu dawk tal-paragrafu 1.1.1.A bi skont addizzjonali ta' 25% fuq it-tariffa tar-reġistru skond ir-Regoli dwar Proċeduri ta' Arbitraġġ fil-Qosor b'tariffa minima ta' €88.52.

1.1.3 Arbitraġġi Mandatorji

€69.88

Iżda fil-każ ta' tilwim dwar talbiet li jikkonċernaw vetturi bil-mutur li l-valur tagħhom ma jkunx iżjed minn €6,988.12, u f'każ ta' tilwim dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti, it-tariffa tar-reġistru għandha tkun €23.29.

1.2 TARIFFA GĦAL TRASFERIMENT TA' PROĊEDIMENTI MILL-QORTI JEW TRIBUNALI OĦRA GĦALL-ARBITRAĠĠ:

€116.47 meta jiġi ppreżentat l-inkartament bil-kopji tad-dokumenti kollha relevanti.

1.3 TARIFFI GĦAS-SERVIZZI TAĊ-ĊENTRU DWAR L-ARBITRAĠĠ TA' MALTA

Iċ-Ċentru jipprovdi servizzi amministrattivi għall-proċeduri ta' arbitraġġ. It-tariffi taċ-Ċentru huma dawn li ġejjin:

| **Servizz** | **Spejjeż** |
|---|---|
| Servizz Segretarjali | €8.15 kull siegħa jew parti minnha |
| Traskrizzjoni tax-xiehda | €4.66 kull paġna |
| *Cassettes* għar-reġistrazzjoni ta' xiehda verbali | €2.33 kull *cassette* |
| Fotokopji | 23ċ kull paġna |
| Awtentikazzjoni ta' Kopji tal-Oriġinal | 47ċ kull paġna |
| Spejjeż ta' posta għad-distribuzzjoni tat-talba, risposta,ordnijiet, deċiżjonijiet, eċċ. | Skond in-nefqa |
| Użu tal-kmamar taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta | €11.65 kull siegħa jew parti minnha, €13.98 kull siegħa jew parti minnha wara l-ħinijiet ta' l-uffiċċju |
| Servizzi ta' *Catering* | Skond in-nefqa |
| Telekomunikazzjonijiet | Skond in-nefqa |
| Taħrika ta' xhud | Skond it-tariffa tal-qorti |
| Servizz ta' traduzzjoni | Skond in-nefqa |

| | |
|---|---|
| Tariffa amministrattiva għal depożiti, | 1% tad-depożitu totali jew € 23.29 skond liema waħda hi l-ogħla |
| Notifika ta' dokumenti u atti oħra [Regola 20] (eskluż l-Avviżta' l-Arbitraġġ) | €23.29 kull dokument notifikat |
| Notifika ta' dokumenti u atti oħra b'mezzi elettroniċi | €4.66 kull dokument notifikat |

1.4 REĠISTRAZZJONI TA' DEĊIŻJONIJIET MAĦRUĠA SKOND L-ARTIKOLI 46(4) U (5) TA' L-ATT - DEĊIŻJONIJIET B'KUNSENS

50% tat-tariffa skond kif provdut fil-paragrafu 1.1.1.A ta' dan l-Appendiċi b'tariffa minima ta' €116.47.

1.5 REĠISTRAZZJONI TA' DEĊIŻJONIJIET TA' ARBITRAĠĠ BARRANIN

It-tariffa għar-reġistrazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ barranin għandha tkun ekwivalenti għal dik pagabbli għall-istess proċedimenti quddiem il-qrati għall-istess għan bla ħsara għat-tariffa minima ta' €116.47.

1.6 TARIFFI TA' ARBITRAĠĠI INTERNAZZJONALI

Dan id-dritt li ma jingħatax lura jitħallas kollu mill-parti li tippreżenta l-każ liċ-Ċentru għas-servizzi provduti skond l-Att dwar l-Arbitraġġ meta talba, kontro-talba jew talba addizzjonali tiġi ppreżentata, kif provdut fit-tariffa li ġejja:

| Ammont tat-Talba f'Dollari Amerikani | Tariffa f'Dollari Amerikani |
|---|---|
| sa $10,000 | $500 |
| 'il fuq minn $10,000 sa $50,000 | $750 |
| 'il fuq minn $50,000 sa $100,000 | $1,250 |
| 'il fuq minn $100,000 sa $250,000 | $2,000 |
| 'il fuq minn $250,000 sa $500,000 | $3,000 |
| 'il fuq minn $500,000 sa $1,000,000 | $4,000 |
| 'il fuq minn $1,000,000 sa $5,000,000 | $6,000 |
| 'il fuq minn $5,000,000 | Negozjabbli |

(a) Meta talba, kontro-talba jew talba addizzjonali ma tkunx ta' ammont monetarju, it-tariffa applikabbli tigi deċiża miċ-Ċentru, imma f'ebda każ ma għandha tkun anqas minn 1,250 Dollaru Amerikan. Meta jeżerċita din id-diskrezzjoni, iċ-Ċentru jista' jieħu diversi fatturi in konsiderazzjoni bħal-tul ta' ħin li l-proċeduri ta' l-arbitraġġ huma antiċipati li jieħdu u l-kumplessità tal-kwistjoni.

(b) It-tariffa minima għal kull każ li jinvolvi iktar minn arbitru wieħed hija ta' 1,500 Dollaru Amerikan.

(c) Għal kull ġurnata ta' seduti quddiem arbitru uniku, tariffa amministrattivata' 150 Dollaru Amerikan għandha titħallas liċ-Ċentru minn kull parti.

(d) Għal kull ġurnata ta' seduti quddiem tliet arbitri, tariffa amministrattiva ta' 250 Dollaru Amerikan għandha titħallas liċ-Ċentru minn kull parti.

(e) Tariffa ta' 200 Dollaru Amerikan għandha titħallas liċ-Ċentru mill-parti li tagħmel posponiment ta' seduta quddiem arbitru uniku.

(f) Tariffa ta' 350 Dollaru Amerikan għandha titħallas liċ-Ċentru mill-parti li tagħmel posponiment ta' seduta quddiem tribunal ta' arbitraġġ kompost minn aktar minn arbitru wieħed.

(g) Iċ-Ċentru jista' jitlob tariffi addizzjonali minn dawk imnizzla taħt din it-Taqsima, liema tariffi għandhom jiġu deċiżi mill-Bord minn żmien għal żmien għall-użu tas-servizzi u tal-post taċ-Ċentru. Dawn it-tariffi għandhom jiġu ppubblikati permezz ta' nota li titwaħħal fiċ-Ċentru.

(h) Meta ma jkunx hemm użu mis-servizzi amministrattivi taċ-Ċentru ħlief biex tiġi reġistrata d-deċiżjoni ta' arbitraġġ internazzjonali, it-tariffa għandha tkun 50% tat-tariffa indikata fit-tabella ta' hawn qabel.

1.7 TARIFFI OĦRA

1.7.1 Reġistrazzjoni ta' Deċiżjoni Addizzjonali - €34.94

1.7.2 Reġistrazzjoni ta' Deċiżjoni Parzjali - €23.29

1.7.3 Konferma tad-Dokumenti bil-Ġurament - €23.29 kull dokument

## Taqsima II - Dritt tal-Arbitri

1. Id-dritt tal-arbitri jista' jiġi miftiehem bejn it-tribunal tal-arbitraġġ u l-partijiet, iżda fin-nuqqas ta' dan il-ftehim, id-dritt applikabbli għandu jkun skond it-tabella li ġejja.

| <u>Ammont tat-talba f'euro</u> | <u>Dritt tal-Arbitri f'euro</u> |
|---|---|
| 0 sa €1,164.69 | €116.47 |
| 'il fuq minn €1,164.69 sa €3,494.06 | €279.52 |
| 'il fuq minn €3,494.06 sa €11,646.87 | €419.29 |
| 'il fuq minn €11,646.87 sa €23,293.73 | €698.81 |
| 'il fuq minn €23,293.73 sa €46,587.47 | €1,048.22 |
| 'il fuq minn €46,587.47 sa €116,468.67 | €1,863.50 |
| 'il fuq minn €116,468.67 sa €232,937.34 | €2,911.72 |
| 'il fuq minn €232,937.34 sa €582,343.35 | €4,658.75 |
| 'il fuq minn €582,343.35 sa €1,164,686.70 | €8,152.81 |
| 'il fuq minn €1,164,686.70 sa €2,329,373.40 | €11,646.87 |
| 'il fuq minn €2,329,373.40 | €11,646.87 + 0.3% ta' dak l-ammont 'il fuq minn €2,329,373.40 |

2. Sakemm ma jkunx hemm ftehim fuq id-dritt tal-arbitri bejn it-tribunal tal-arbitraġġ u l-partijiet, fil-każ ta' arbitraġġi bi proċeduri fil-qosor, id-dritt għandu jkun €128.12, iżda t-tribunal tal-arbitraġġ huwa intitolat għal tariffa addizzjonali ta' €23.29 fis-siegħa għal kull seduta li ssir wara l-ewwel waħda u li tieħu aktar minn sagħtejn.

3. Fil-każ ta' arbitraġġi mandatorji preżentati fi jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regoli[1], id-dritt tat-tribunal tal-arbitraġġ huwa ta' mitejn, sebgħa u tletin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€237.29):

   Iżda fil-każ ta' tilwimiet dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur fejn il-valur tat-tilwima ma jkunx jeċċedi l-elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,164.99) u fil-każ ta' tilwimiet dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti, id-dritt tat-tribunal tal-arbitraġġ huwa ta' mija u tmintax-il euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€118.64):

   Iżda wkoll li d-drittijiet ta' hawn fuq ma jinkludux it-tarrifa ta' ħamsa u tletin euro (€35) għal kull seduta u t-tariffa ta' ħamsa u sebgħin euro (€75) għall-aċċessi. L-ebda tariffa ma tkun dovuta jekk ikunu miżmuma iżjed minn tlett seduti:

   Iżda wkoll it-tribunal tal-arbitraġġ jista', f'ċirkostanzi speċjali, jitlob għal spejjeż supplimentari.

   Id-dritt tat-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiġi mħallas proviżorjament mir-rikorrent meta jiġi ppreżentat l-Avviż.

4. Id-dritt tal-arbitri hawn qabel imsemmija ma jinkludix taxxa fuq il-valur miżjud.

[1] Ir-referenza hi għall-Avviż Legali 57 tal-2015 (kif emendat bl-Avviż Legali 152 tal-2015) li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2015.

## Taqsima III - Rappreżentanza u Assistenza

Dawn l-ammonti huma meħudin mit-tariffa applikabbli għall-avukati skond l-Avviż Legali 142 ta' l-2000.

| **Valur tat-Talba f'euro** | **Dritt f'euro** |
|---|---|
| €2,329.37 | €151.41 |
| €3,494.06 | €186.35 |
| €4,658.75 | €221.29 |
| €5,823.43 | €256.23 |
| €6,988.12 | €291.17 |
| €11,646.87 | €430.93 |
| €18,634.99 | €640.58 |
| €23,293.73 | €780.34 |
| €46,587.47 | €1,013.28 |
| €69,881.20 | €1,246.21 |
| €93,174.94 | €1,712.09 |
| €232,937.34 | €2,876.78 |
| €2,329,373.40 | €23,841.14 |

1. Dritt ta' rappreżentanza jew assistenza jista' jiġi miftiehem bejn ir-rappreżentant jew l-assistent u l-klijent u fin-nuqqas ta' dan il-ftehim, id-dritt applikabbli jkun skond it-tabella ta' hawn qabel.

2. Fil-każ ta' arbitraġġi bi proċeduri fil-qosor, id-dritt ta' rappreżentanza jew assistenza li l-parti li titlef l-arbitraġġ tista' tiġi mitluba li tħallas ma għandux jeċċedi €116.47, ukoll f'każ illi jkun hemm ftehim bejn ir-rappreżentant jew l-assistent u l-klijent.

   Iżda jekk fl-opinjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ kif imniżżel fid-deċiżjoni, jeżistu ċirkostanzi speċjali li jistħoqqilhom dritt ogħla, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jeċċedi din is-somma meta jitlob lill-parti li tkun tilfet l-arbitraġġ biex tħallas l-ispejjeż.

3. Id-drittijiet ta' rappreżentanza u assistenza hawn qabel imsemmija ma jinkludux taxxa fuq il-valur miżjud.